MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**DOREEN CLARKE**

Seduta ta' l-20 ta' Awwissu, 2012

Numru. 365/2012

**Il-Pulizija**
**[Spettur Jesmond J.Borg]**
**[Spettur Herman Mula]**

**vs**

**Christopher Agius**

**Kumpilazzjoni Numru: 365/2012**

**Illum, 20 ta' Awissu, 2012**

Il-Qorti

Rat l-akkuza migjuba kontra Christopher Agius, ta' 41 sena, bin Joseph u Antonia nee' Clifton, imwieled il-Pieta', nhar is-7 ta' April, 1971, residenti gewwa numru 2, Flat 3,

Pjazza Sant'Anna, Floriana u detentur tal-karta ta' l-identita numru 182171(M).

Akuzzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar it-18 ta' Awissu, 2012 u matul is-sena ta' qabel din id-data, gewwa Furjana, kif ukoll f'diversi postijiet diversi madwar Malta:

1. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura id-droga herojina, specifikata fl-ewwel skeda ta' l-ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta lill-persuna jew persuni jew ghall-uzu ta' persuna/i minighajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta minghajr ma kien awtorizzat bir-regoli tal-1939 ghall-kontroll itern tad-drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita moghtija mill-President ta' Malta li jforni id-droga u minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza imsemmija u minghajr ma kellu licenzja jew xorta ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga u dan bi ksur tar-regolament 4 tar-regolamenti ta' 1-1939 ghall-kontroll intern tad-drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kellu fil-pussess tieghu id-drogi herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura , jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess teighu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkustanzi li juru li ma kinietx ghall-uzu esklussiv tieghu;

U aktar  talli matul dawn l-ahhar hames snin:

3. Kellu fil-pussess tieghu id-droga herojina specifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjoni tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tieghu u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll itern tad-drogi Perikoluzi (G.N 292/1939) kif sussegwentement emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. ikkommetta dawn ir-reati fi, jew gewwa distanza ta' mitt metru mill-parametru ta' skola, club jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu iz-zaghzagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. Aktar talli sar recediv b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti, giet mitluba li f'kaz ta' htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti, giet mitluba sabiex tissekwestra f'idejn terzi persuni b'mod generali il-flejjes u l-propjeta mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lilu jew ikunu imissu lill-akkuzati jew huma propjeta taghhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzati milli jittrasferixxu jew xort'ohra jiddisponu minn xi propjeta mobbli jew immobbli u dan ai termini ta' l-artikolu 22A ta' l-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-artikolu 23A tal-Kodici Kriminali Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u t-taqsima 4 u 6 kif ukoll l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939.

Rat l-ordni ta' l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Rat id-dokumenti esebieti.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u l-fedina penali ta'l-imputat, kif ukoll il-koperazzjoni tieghu mal-Pulizija, u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u t-taqsima 4 u 6 u l-artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti ta'l-Avviz Legali 292 tas-sena 1939 kif ukoll l-artikoli 29 ta'l-istress Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta' l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tmien (8) snin prigunerija u multa ta' hames telef Euro (€5,000) li ghandha tithallas fi zmien tlett (3) snin. Il-Qorti qed tirrakkomanda lid-Direttur tal-Facilita Korrettiv ta' Kordin biex l-imputat jinghata l-ghajnuna kollha necessarju kontra l-vizzju tad-droga inklulz li jinzamm fit-Taqsima Forensika ta'l-Isptar Monte Carmeli.

Il-Qorti qed tordna d-distruzzjoni a karigu tar-Registratur ta’ din il-Qorti tad-droga kollha esebieta formalment b’l-eccezzjoni ta’ dik kontenuta f’zewg kapsuli li ghandha tinzamm mill-Kummissarju tal-Puizija ghat-tharig tal-klieb tat-taqsima ta’ kontra d-droga.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------